# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Pulizija**

**(Spettur Diane Vella )**

**Vs**

**Josanne Gatt**

**Illum 17 ta` Marzu, 2025**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijet fil-konfront ta’’ Josanne Gatt, bint Tarcisio u Cecilia Gatt nee’ Ciappara, imwieled fil-12.07.1973 u joqghod 13, Nieves Crt, Flt 1, Triq Victor Cauchi, Zabbar, ID 299673M.

Billi int akkuzat talli fil-19 t’Awwissu, 2023 ghall-habta ta’ 09.30 hrs f’Triq ix-Xatt, Gzira soqt vettura b’numru ta’ registrazzjoni BCA 636;

1. U aktar meta b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regilamenti tat-traffiku, involontarjament ikkagunajt offizi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Donia Montebello skond kif

iccertifika Dr. Lara Azzopardi Reg 4543 M.D. mill-M.D.H, Art 226(1)(a) tal-Kap 9.

2. U aktar meta b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkagunajt offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Michael Montebello Art 226(1)(c) tal-Kap 9.
3. U b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, ikkagunajt hruq jew ghamilt xi hsara jew gharraqt xi haga ghad-dannu ta' Michael Montebello Art 328(d) Kap 9
4. Soqt il-vettura ta' ghamla Nissan bin-numru tar-registrazzjoni BCA 636 b'manjiera traskurata. Art 15(1)(a) Kap 65.
5. Soqt il-vettura ta' ghamla Nissan bin-numru tar-registrazzjoni BCA 636 b'manjiera perikoluza. Art 15(1)(a) Kap 65.

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minhabba li tinfliggi il-piena skont il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzji tas-sewqan hekk kif stabbilit mill-L.S. 65.18 Art 36B u fil-65.18 Sitt Skeda.

Rat l-artikolu226(1)(b), 226(1)(c) 328(d) tal- Kap 9 u tal-Kap 9 u Art 15(1)(a) (33)kap 65 u fil-L.S. 65.18Art 36(B) u fil-LS65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta

Rat ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Rat ix-xhieda tal-imputata.

Rat l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta.

Semghet it-trattazjoni.

**Ikkunsidrat**

**PS31447 J Calleja u t-Tabiba Lara Azzopardi** xehdu permezz ta` affidavit

D-difisa esentat lill-prosekuzzjoni milli tittella t-Tabiba Natasha Mifsud bhala xhud

**Michael Montebello, xehed hekk :**

Pros: Spjega il-Qorti meta, fejn u kif gara?

Xhud: Awwissu mhinix mija fil-mija 2023, kont gej minn naha ta` tas-Sliema bil-mutur u l-mara kienet passigiera fuq wara tas-Sliema direzzjoni Gzira kont ghaddej fuq il-Bus Lane kont ghaddej fuq in-naha ta` barra tal-Bus Lane biex il-karozzi ikunu jistghu jaraw jarawni, kien hemm sensiela ta' karozzi għaddejjin bil-mod ħafna u qed nitkellmu 15km fis-siegħa estimate fuq għajnejja. Jien ma kontx għaddej b'iktar minn 25 mhux iktar minn hekk. Fuq quddiem tal-ta' din il-karozzi wara xulxin li kienu għaddejjin kien hemm Nissan Juke illi kif eżatt ġejt miegħu u kont mija fil-mija li setgħu jarawni, kif ġejt miegħu qabżet il-lane u ġiet għal fuqi u ramietna jien u l-mara fl-art.

Pros: Qabżet il-lane mill-liem naħa jiġifieri baqgħet dieħla spjegalna?

Xhud: Mela għandek għandek il-baħar, bankina parking, Bus Lane u karreġġjata tal-karozzi.

Pros: U l-Juke minn fejn, x`ghamlet?

Xhud: Issa Juke qasam mill-karreġġjata ta' karozzi għall-parking f'daqqa ħa nkunu onest l-indicator rajtu meta kont fl-art.

Qorti: Inti fejn kont?

Xhud: Jiena kont fuq il-Bus Lane.

Pros: Il-Bus Lane mal-liema lane kienet?

Xhud: In-naha ta` gewwa, il-bankina, il-parking il-Bus lane u l-karreggata tal-karozzi u il-karreġġjata tal-karozzi kienu għaddejjin mhux iktar minn 20 u 15 u mhux iktar. Kienu għaddejjin vera bil-mod fil-fatt kien hemm sensiela ta' karozzi li bqajt kont għaddej bil-mod u għaddej minn magħhom. Jiġifieri kont għaddej bil-mod fuq ġewwa fil-lane li nista ngħaddi minnha.

Pros: Ħa nagħmel referenza ghar-ritratti, Il-mutur li qed issemmi B1 dan hu?

Xhud: Dak hu. By the way ħa nkun ħa nkomplu kollox il-karozzi hija mmarkatha Y u daħlet għall-parking li mhux suppost tipparkja biex inkunu għidna kollox.

Pros: Qed nagħmel referenza għall-DOK B2 il-karozza?

Xhud: Il-karozza ma niftakarhiex jien intlift minn sensija jista' jkun din.

Pros: Inti x`semmejt li hi l-karozza?

Xhud: Juke, din karozza Nissan griza. Imma s`hemmek li niftakar.

Pros: Tiftakar l-impatt ma fejn kien?

Xhud: Mal-pilastru bejn il-madgard u il-bieba.

Pros: Qed nurik ritratt B5?

Xhud: Ezatt x`imkien hemmekk naqbel.

Pros: Konsegwenza ta' dan l-inċident x'garalek inti?

Xhud: Jiena ghandi ammont ta' punti f'saqajja u issa nirringrazzja l-Alla dan għamilt 5 ġimgħat barra mix-xogħol u l-mara għamlet xi 6 ġimgħat ukoll.

Pros: M'għandix iktar mistoqsijiet.

Avu: Kontro Ezami, 2 mistoqsijiet żgħar naqblu li inti intlaqat bin-naħa tal-passiġġier?

Xhud: Iva.

Avu: Jiġifieri inti kont fuq in-naħa ta' ġewwa. Kont qed taqbeż il-karozzi għax kienu mexjin bil-mod.

Xhud: Ezatt.

Avu: Ħa nuri dan ir-ritratt issa tikkonfermah s-sinjura jekk tikkonfermali jekk hux il-post li ġara?

Xhud: F`dik iż-żona ija dik mhux ħa ngħidlek eżatt.

Avu: Dik it-triq li dawk huma il-lanes.

Xhud: Hekk hu.

Avu: Mela spjegajtilna punt partikolari ghalfejn ma setghetx tidhol hemmekk is-sinjura ghedtilna hi ma setghetx taghddi habba xi raguni?

Xhud: Jien jidhirli li kienet karozza number plate Y.

Avu: Dak kollox.

**Donia Montebello xehdet hekk :**

Pros: Iva nahlef, Sinjura Montebello inti kont involuta f'inċident?

Xhud: Iva.

Pros: Spjega l-qorti meta fejn u kif ġara?

Xhud: Mela ġara fid-19 t' Awwissu is-sena l-ohra 2023. U konna x-xatt tas-Sliema.

Pros: Direzzjoni fejn?

Xhud: Direzzjoni lejn lejn Gżira.

Pros: Konna ma' min kont>

Xhud: Kont mar-raġel tiegħi fuq il-mutur. Konna għadna ġejjin mill-baħar.

Pros: Tiftakar forsi n-number plate tal-mutur?

Xhud: Le, number plate.

Pros: Ha nuriha xi ritratti jekk jogħġbok nagħmel referenza għal DOK B1 dak kien il-mutur?

Xhud: Iva.

Pros: DOK JG Presso poco b'dak l-akwata kontu sinjura intom?

Xhud: Iva.

Pros: X`tiftakar meta kont u hemmhekk bil-mutur int u r-raġel int kont qiegħda wara nimmaġina hux hekk hu spjegalna x'ġara eżatt?

Xhud: Meta konna ġejjin mill-baħar konna mixjin, jiena kont qed inħares tipo lejn il-baħar u f'daqqa wahda sibna ruħna mal-art nitkaxkru ma tantx niftakar affarijiet I was in xokk.

Pros: Liema naħa tat-triq kontu mexjin?

Hud: Konna, fil-priority lane.

Pros: Priority lane x'jiġifieri?

Xhud: Fil-lane tagħna tal-muturi imbaghad spiċċajna mal-art jiena kont qed inħares lejn il-baħar. Ma niftakarx.

Pros: Imma waqfet xi vettura?

Xhud: Niftakar li qlajna daqqa u tkaxkarna mal-art.

Qorti: Daqqa mil-liema naha giet id-daqqa ħareg xi ħadd mill-parking jew minn naha lohra?

Xhud: Le ma harigx xi hadd mil-parking.

Pros: Karozza tiftakar xi għamla jew xi kulur?

Xhud: Naf li kienet karozza naqa kbira skura ma niftakarx iżjed niftakar li kienet skura u kbira.

Pros: Ħa nerġa' nieħu r-ritratti, min kien qed isuqha tiftakar sinjura?

Xhud: Kienet issuq mara.

Pros: Jekk tħares ġo din l-awla għedt forsi tara fuq xi ħadd li dakinhar kien hemm?

Xhud: Mela, Iva.

Qorti: Ix-xhud indikat l-imputat.

Pros: Ghall-karozza li qed issemmi DOK B5 xi tghidli fuqha?

Xhud: Ftit niftakar jiena kulma niftakar illi qlajna daqqa u nitkaxkru jiena kont qed inħares in-naħa l-oħra.

Pros: M'għandix iktar mistoqsijiet.

Avu: Kontro Ezami, mistoqsija sempliċi intom kontu qed taqbżu l-karozzi hux vera?

Xhud: Konniex qed naqbżu l-karozzi ta konna mixjin konna. Eżatt.

Avu: Issa bħala għax għadu kif xehed ir-raġel bdejtu qabżu l-karozzi minn mal-ġenb kienu mexjin bil-mod?

Qorti: Hu pacenzja intom kontu l-istess lane fejn kienu għaddejjin il-karozzi u kontu lane ohra?

Xhud: Lane ohra konna ahna.

Avu: Tajjeb issa b'liema biċċa tal-vettura intlaqattu tiftakar?

Xhud: Ma niftakarx.

Avu: Apparti minn hekk x`ilbies kontu lebsin gheddtu li kontu gejjin il-bahar?

Xhud: Tas-Sajf.

Avu: Fil-Flops sandles?

Xhud: Ir-raġel tiegħi ma jilbisx flip flop u jiena kont b`karkur tal-bahar.

Avu: Xejn iktar.

**<u>Josianne Gatt,xehdet hekk :</u>**

Avu; Mela mela mela Josianne smajnihom jixhdu ejja l-ewwel ħa nibdew inti għandek iktar ritratti ta' fejn sar l-inċident kien hemm xi tabella partikolari?

Xhud: Iva nikkonferma JG.

Qorti: Haddtu inti dak ir-ritratt?

Xhud: Iva dik hija triq fejn ġara eżatt il-inċident.

Avu: Issa apparti dik ta' dik it-triq għandek xi ħaġa oħra?

Xhud: Iva ghandi 5 ritratti.

Pros: Min ħadhom dawk ir-ritratti?

Xhud: Jiena.

Avu: Tista' tispjegalna x' inhuma dawk ir-ritratti?

Xhud: Iva bażikament hemmhekk qed nuri evidenza ta' fejn ġara l-inċident DOK JG 3 qed tindika id-daqqa fuq il-bieba tal-passenger in-naħa tal-left għandi JG 4 qiegħda turi t-triq ta' fejn ġara l-inċident u anki s-sign tal-bus lane. Għandi ritratt ieħor li qed ċar fejn hemm il-bus JG 5 umbagħad għandi JG 2 fejn qed tidher hemm id-daqqa ta' fuq il-madgard. U JG 1 tidher ċara l-priority lane.

Avu: Issa x`tiftakar x`ghamilt inti?

Xhud: On the 19th of August kont għaddejja qed nsuq lejn fi triq ix-Xatt Gżira kont qiegħda fl-outer lane għax ovvjament l-inner lejn hija bus lane kont sejra nipparkja rajt parking iktar l-isfel, jiġifieri ghax kien fil-viċin harest mill-bieba tas-side harist mill-mera tas-side u mill-mera tan-nofs ma rajt lil ħadd u f'daqqa wahda smajt boom karozzi fit-triq ma kienx hemm.

Qorti: Allura dan minn fejn gie?

Xhud: Jiġifieri dawn fejn it-triq kienet clear. Hu ġie min-naħa tal-left side tal-vettura. Jiena kulma niftakar illi meta ħarist minn ġol-mirja ma rajt assolutament xejn. Assolutament xejn u fi triq ma kien hemm l-ebda vetturi plus hekk il-karozza tiegħi mhix bil-Y BCA 636 u is-sinjur kien f'sensih qam minn mal-art is-sinjura li kienet ippanikjata

jien mill-ewwel ħriġt nassisti u ghedtilhom tinkwetawx l-importanti saħħitkom qsamt niġri n-naħa l-oħra nġibilhom l-ilma.

Avu: Jiena m`ghandix domandi.

**Ikkunsidrat**

Jidher car mix-xhieda prodotta li l-imputat invadiet il-lane tal-mutur misjuq min Michael Montebello u dan wara li ma harsitx jew ma harsitx sew. Din kienet il-kawza tal-incident. Dan kien *lack of proper lookout* fi grad ta' traskurat. Bhekk jirrizultaw l-ewwel (1), tieni(2) tielet (3) u raba' (4) imputazzjonijet . Il-hames (5) imputazzjoni ma tirrizultax.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-artikolu 226(1)(b), 226(1)(c) 328(d) tal-Kap 9 u Art 15(1)(a) (3)kap 65 u fil-L.S. 65.18Art 36(B) u fil-LS65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Josanne Gatt hatja tal-ewwel, tieni , tielet u raba imputazzjoni u tikkundannha komplessivament ghal multa ta' elfejn u tlett mitt euro (2300)skwalifika mill-licenzji kollha tas-sewqan ghal hmistghax (15)-il gurnata u ghaxar punti (10 )fuq il-licenzji tas-sewqan. Ma issibx li hi hatja tal hames imputazzjoni u tilliberha minn kull htija u piena dwar l-istess.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**